# KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Kumpless Umberto Calosso
Triq il-Kbira San {u\epp
Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
E-Mail: santavenera.lc@gov.mt
Web page: http://www.stvenera.gov.mt


**13/17**

Minuti tat-tlettax-il-laqgħa tas-sbatax-il sena (Is-sitt Kunsill) tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera li nżammet nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Awwissu, 2010, fl-Uffiċċju Amministrattiv.

**Preżenti:**

Is-Sur Horace J. Anastasi---Sindku
Is-Sur Ronald Briffa---Viċi Sindku
Is-Sur Carmel Camilleri---Kunsillier
Is-Sinj. Mariella Micallef---Kunsilliera
Is-Sur Cleaven Christian Bugeja---Kunsillier
Is-Sur Edwin Formosa---Kunsillier

Is-Sur Joseph M. Formosa---Aġent Segretarju Eżekuttiv, Amministrattiv u Finanzjarju

**Skużat**: Is-Sur Stephen Sultana---Kunsillier

Mistiedna sabiex tindirizza l-Kunsill: L-*Accountant* Is-Sinj. Romina Perici Ferrante

## Aġenda

---

1. Talba

2. Qari u approvazzjoni tal-minuti
   (Minuti tad-19 u tal-20 ta' Awwissu, 2010)

3. Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti
   (Minuti tad-19 u tal-20 ta' Awissu, 2010)

4. L-Anzjan/a tas-Sena 2010
5. Preżentazzjoni tal-qagħda finanzjarja sat-30 ta' Ġunju, 2010
6. Rapport dwar il-progress PPP dwar it-Toroq
7. L-eżitu tar-Rapport tal-Awditur

Qabel bdiet il-laqgħa l-Aġent Segretarju Eżekuttiv informal ill-Kunsill lis-Sur Stephen Sultana jinsab imsiefer u għalhekk, il-Kunsill qabel lis-Sur Sultana jkun skużat għal kull 'bon fini' tar-rassenja.

**1. Talba**

Il-laqgħa bdiet fil-5.35 ta' filgħaxija u nfetħet b'talba qasir mis-Sindku u l-Kunsillieri.

F'dan l-istadju s-Sindku ppropona u, l-Kunsillieri qablu li jinżamm moment silenzju b'ġieħ u rispett lejn il-President Emeritus Il-Professur Guido DeMarco li, ħalla din id-dinja nhar il-Ħamis, 12 ta' Awwissu, 2010.

**Għoti tal-Ġurament**

F'dan l-istadju l-Aġent Seg. Eż. Informa lill-Kunsill illi l-għoti tal-Ġurament sejjer jingħata lis-Sindku, lill-Viċi Sindku u lill-Kunsilliera eletta fl-Elezzjoni Każwali, s-Sinj. Mariella Micallef fil-ġimagħt li ġejjien iżda, l-ħatra hija valida b'effett immedjat u, dan sakemm il-Kunsill ma jingħatax parir kuntrarju u, jekk jiġri dan l-Kunsill jiġi nfurmat dwar dan.

**2. Qari u approvazzjoni tal-Minuti tad-19/20 ta' Awwissu, 2010**

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qara dawn il-Minuti u ġew approvati 'nem com' wara li saru xi korrezzjonijiet kif meħtieġa.

2.1 Korrezzjonijiet tal-Minuti tad-19 t'Awwisu, 2010

Il-Kunsill qabel li jiżdied li għalkemm l-'Accountant' intalbet biex tattendi għal-laqgħa msejħa b'urġenza, m'attenditx minħabba mpenn ieħor importanti u personali.

2.2 Korrezzjonijiet tal-Minuti tal-20 t'Awwissu, 2010

Dwar Minuta 5.4

Is-Sur Carmel Camilleri qal li xtaq jippreċiża li huwa kien ta spjegazzjoni 'l għala ma kienx jaqbel mas-*sleeping policemen* meta qal "Għaliex dan joħloq preċedent minħabba deċiżjoni passata tal-Kunsill li kien qabel li dawn isiru biss quddiem, skola, knisja u Mużew tad-Dutrina".

Is-Sindku stqar li ma jaqbilx ma' dina d-deċiżjoni għax jista' jkun hemm lok vulnerabbli u, avolja ma jkunx qrib xi knisja, skola jew mużew għandu jsir,

3 Affarijiet li tqajmu mill-Minuti ndikati tad-19 t'Awwissu, 2010

3.1 Ġie spjegat il-proġett tal-PPP dwar it-Toroq f'Santa Venera ma jinkludiex bankini.

4 Affarijiet li tqajmu mill-Minuti ndikati tal-20 t5'Awewissu, 2010

Apparat dwar *Voice Recording*
Fuq mistoqsija tas-Sur Edwin Formosa l-Viċi Sindku wieġeb li l-Apparat ndikat kien għadu ma nxtarax peress li ntagħraf li fis-suq hawn irħas minn dak previst; anqas minn €30

4.1 Minuta 3.8—Rendikont tal-Fiera tal-Artiġġjanat
Fuq mistoqsija tas-Sur Edwin Formosa, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dan ir-rendikont kien sejjer jintalab lill-*Accountant* aktar tard, fl-istess laqgħa.

4.2 Minuta 3.1 Ġieħ Santa Venera 2010

Il-Kunsill ġie nfurmat li mmejlja liċ-Ċerpersin tal-Kumitat tal-Ġieħ kif ukoll, lill-Membri iżda, tnejn (2) biss wieġbu.
L-aġent Segretarju reġa' mmejlja liċ-Ċerpersin fejn ħeġġiġha biex dlonk tlaqqa' l-Kumitat indikat.
Il-Kunsill sostna li jekk ma jkun hemm l-ebda tweġiba sa nhar it-Tlieta, l-31 t'Awwissu, 2010 ikollu jifhem u jeħodha li din tilfet l-interess kollu.
F'din l-eventwalita' il-Kunsill ikun kostrett li jiddeċiedi dwar dak li għandu jsir dwar il-Ġieħ imsemmi.

**5. L-Anzjan tas-sena 2010**

Il-Kunsill ġie nfurmat li l-applikazzjonijiet jagħlqu fit-13 ta' Settembru, 2010 u għalhekk, għandu jpoġġi l-avviż dwar dan fuq in-*Notice Boards* tal-Kunsill.
Is-Sindku stqarr li ntgħaraf bl-Armla, s-Sinjura Angela Hili ta' Triq Il-Kbira San Ġużepp li għandha kwalitajiet meħtieġa u li tista' tikkompeti għall-premju tal-Anzjan tas-Sena 2010.
Il-Kunsill qabel li jkompli jaħdem dwar l-applikazzjoni tas-Sinjura Hili iżda, lest li jħeġġeġ anzjani oħra minn Santa Venera sabiex jikkonkorru għal dan il-premju.

6. **Preżentazzjoni tal-qagħda finanzjarja sat-30 ta' Ġunju, 2010.**

Għal dan is-suġġett instiednet l-*Accountant* tal-Kunsill, is-Sinj. Romina Perici Ferrante biex tispjega dwar il-qagħda finanzjarja, speċjalment, vis-à-vis il-PPP dwar it-Toroq ta' Santa Venera.

Is-Sinj. Romina Perici Ferrante stqarret lill-Finan*cial Indicator* għandu jkun dak stabbilit, ta' 10% iżda, f'dan il-każ jaqra -1.58%, filwaqt li għal perjodu ta' qabel kien -3% u allura jidher lill-*performance* finanzjarju tal-Kunsill tjieb.

L-*Accountant* spjegat x'wassal lill-*financial indicator* biex ikun negattiv.
Inħolqot diskussjoni dwar fejn il-baġit inqabeż drastikament u l-Kunsill ntgħaraf dwar x'wassal għal dan l-infiq u li qed jiġi approvat fl-iskeda tal-pagamenti.

Il-Kunsill qabel li jkun kontroll ta' nfiq aktar strett biex il-financial indicator jitjieb billi b'kontroll aktar effettiv jikseb valur aħjar għan-nefqa tiegħu.
Il-Kunsill qabel li jinkiseb statement tal-*account* mingħand il-*Caterers* tal-*Papillon* għaliex fil-fehma tiegħu l-ammont ta' €634.84 mhux pagabbli mill-Kunsill.

Inżammet diskussjoni dwar l-ammonti ta' €7,137.42 (Professional fees re Skate Park) u €3,007 (Mica-Med Ltd.) murija bħal 'Contingent Liabilities'.

Il-Kunsill qabel illi jikseb aktar tagħrif dwar iż-żewġ ammonti speċjalment, kemm minn dawn l-ammonti huma dovuti.

Il-Kunsill talab lill-'Accountant' sabiex tippreżenta Rapport Finanzjarju bil-miktub, fejn turi l-viabilita' u s-sostennibilita' finanzjarja tal-Private Publi Partnership (PPP) dwar it-Toroq f'Santa Venera.

Il-Kunsill talabha wkoll, biex tippreżenta Rapport dwar id-DĦUL u l-ĦRUĠ Finanzjarju dwar il-Fiera tal-Artiġġjanat.

F'dan l-istadju l-*Accountant* ġiet skużata li tħalli l-Laqgħa.

7. **Rapport dwar il-progress PPP dwar it-toroq ta' Santa Venera**

Il-Kunsill intgħaraf dwar il-progress u dwar il-ħruġ ta' *tenders* li dwarhom saru l-avviżi kif meħtieġ u dwar it-*tenders* li jagħlqu fl-20 ta' Settembru, 2010 f'nofsinhar.

F'dan l-istadju s-Sindku nforma lill-Kunsill li qed ikun hemm diffikulta' li jsiru laqgħat mal-Perit tal-Kunsill u, li huwa u l-Aġent Segretarju qed jagħmlu minn kollox dwar l-arranġamenti meħtieġa sabiex dan il-proġett ikun ta' suċċess b'risq r-residenti ta' Santa Venera.

8. L-Eżitu tar-Rapport tal-Awditur Ġenerali fuq it-talba għall-investigazzjoni li ntalbet fuq allegazzjoni t'irregolaritajiet li jinvolvu lill-Eks Sindku ta' Santa Venera.

Is-Sindku spjega dwar il-fatt li dan ir-Rapport wasal għand il-Kunsill nhar il-Ġimgħa, s-6 t'Awwissu, 2010, filgħodu u dwar ir-riżenja tal-eks Sindku li, seħħet filgħaxija, fl-istess jum.

Is-Sindku attwali qal li dan ir-Rapport jittratta dwar l-etika u l-liġijiet u l-proċeduri li għandhom jiġu osservati sabiex tiġi assigurata t-trasparenza u l-akkontabbilita' tal-Eks Segretarju Eżekuttiv fl-amministrazzjoni tal-Kunsill.

Is-Sindku sostna li fil-paġna 6 paragrafu 3 ***Findings*** sub paragrafu 2 bit-titlu "Financial contributions settled directly with the Mayor'' li jaqra:

The Local Council (Financial) Regulations Article 5 (1) stipulates that ''The Secretary shall be directly responsible to maintain a continous internal control and monitoring system to ascertain that the accounting , recording and other financial operations of the Council are being properly conducted in accordance in the Act, these Regulations and policies, systems and since scales referred to in the financial procedures.

Notwithstanding this, contrary to normal procedures, the Executive Secretary instructed the tutor to settle financial contributions directly with the mayor.

Is-Sindku stqarr li fuq dan it-tagħrif ma jħossx illi kien xieraq li fl-aħħar tas-sena 2009, l-eks Segretarju Eżekuttiv is-Sur Joseph Ludvic Cassar jingħata l-massimu tal-*performance bonus* meta kien huwa stess li f'dan il-perjodu kien qed jonqos u jaġixxi ħażin fil-qadi ta' dmirijietu lejn is-Sindku u lejn il-Kunsill.
Is-Sindku kompla li kieku l-Kunsill kellu din l-informazzjoni ma kienx jawtorizza l-*performance bonus*. Barra dan l-eks Segretarju kien qed jitlob ukoll, li jingħata l-performance bonus ta' din is-sena ta' sakemm irriżenja mill-kariga.
Is-Sur Carmel Camilleri qali li kien evidenti mir-Rapport tal-Awditur Ġenerali li dak li wettqet l-eks Sindku oriġina mingħand l-eks Segretarju meta t-*tutor* ried iħallas u bagħtu għand l-eks Sindku u ma mexiex skont il-proċeduri finanzjarji stabbiliti bil-liġi.

F'dan l-istadju l-Kunsill qabel li jitlob lid-Direttur Ġenerali responsabbli mill-Gvern Lokali sabiex l-atteġjament tal-eks Segretarju, s-Sur Joseph Ludvic Cassar jiġi nvestigat kif titlob l-Amministrazzjoni Pubblika u skont kif stipulate l-Att Dwar Il-Kunsilli Lokali Kapitolu 363.

Il-Kunsill qabel ukoll, li jirriserva d-dritt li jieħu dawk il-passi kollha meħtieġa fil-konfront tas-Sur Joseph Ludvic Cassar sabiex jipproteġi l-interessi kollha tal-istess Kunsill Lokali ta' Santa Venera .

**9. Aġġornament**

**9.1** Xogħol bla permess –D'Izzo Bar & Restaurant fi Triq L-Omnibus ma' Triq Il-Kappillan Mifsud, Santa Venera.
Il-Kunsill qabel li m'aċċettax li l-bankina ssir bil-madum kif proposta mis-sidien u, li kull xogħol li bdew is-sidien fuq il-bankina u taħtha għandhom jerġgħu lura fl-istat tajjeb li kienu.
Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jieħu passi oħra skont il-liġi.

**9.2 Xogħlijiet għall-Kunsill**

Ipparkjar għall-użu tal-Kunsill.
Is-Sindku qal li peress ix-xogħol tal-Kunsill żdid u peress li jixtieq lill-Kunsillieri jkunu aktar spissi fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill inħasset il-ħtieġa li jiżdiedu żewġ postijiet oħra għall-użu tal-Kunsill fil-parti li l-Kunsill kien ħallas il-flus biex witta l-parti ndikata.
Għaldaqstant, il-ħaddiema tal-Kunsill se jkunu nkarigati minn dan ix-xogħol minimu.

**9.3 Xogħlijiet oħra meħtieġa**

Il-Kunsill qabel li tingħata kull prijorita' possibbli dwar xogħlijiet li għandhom isiru mill-ġimgħa d-dieħla fi Triq Tal-Fawwara, Misraħ Santa Venera u Triq Patri Ġwanni Azzopardi.

**Triq il-Brunżar.**

Il-Kunsill wera li huwa konxju tad-diffikultajiet u l-problemi ta' din it-triq u li hemm rapport lill-Pulizija u qabel li jittratta l-ħtiġijiet preżenti fil-laqgħat li jmiss tal-Kunsill.

**9.4 Il-Mini ta' Santa Venera**

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li qed ikollu ħafna lmenti dwar tniġġiż t'arja fi Triq Reġjunali, Triq is-Soll u l-akwata ta' fejn hemm il-mini li jagħtu għall-Marsa.
Is-Sindku mar fuq il-post u tkellem ma' xi Residenti fejn esprimew l-inkwiet kbir li għandhom minħabba l-kwalita' ħażina tal-arja li titla' mid-dħaħen tal-vetturi li jinstaqu minn taħt dawn il-mini.
Is-Sindku ppropona lill-Kunsill Lokali ta' Santa Venera jitlob lid-Dirtettur tal-Ambjent (MEPA) sabiex jikkonferma jekk l-arja f'dawn l-inħawi hijiex dik aċċettata mil-Liġijiet tal-Ewropa.
Il-Kunsill qabel.

**9.5 Laqgħa mar-Residenti ta' Triq Il-Parilja etc**

Is-Sindku insista li l-Kunsill għandu jżomm dik il-Laqgħa mwiegħda lir-Residenti ta' Triq Il-Parilja u Triq Il-Ferrovija minħabba l-kalvarju li għaddejjin minnu dawn ir-Residenti.

Il-Kunsill qabel li jinforma lir-Residenti ndikati, lis-Sidien ta' Park Towers, lill-Pulizija u lill-MEPA biex jiltaqa' magħhom fil-Bini tal-Kunsill nhar il-Erbgħa, 29 ta' Settembru, 2010, fil-5 ta' filgħaxija.

Il-Laqgħa ntemmet fit-8.35 ta' filgħaxija.

Il-Laqgħa ġiet aġġornata għal nhar il-Ġimgħa, t-3 ta' Settembru, 2010, fil-5.30 ta' filgħaxija fuq aġenda li tiġi mmejljata għada, is-Sibt, 28 t'Awwissu, 2010.

| | |
|---|---|
| Joseph M. Formosa | Horace J. Anastasi |
| Aġent Segretarju Eżekuttiv | Sindku |
| Sindku | |